A.L. 174 ta' l-2003

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-International Institute for Baroque Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-International Institute for Baroque Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-International Institute for Baroque Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-International Institute for Baroque Studies; u

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2002 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Grad għandu jkun miftuħ għal applikanti li ggradwaw bl-Unuri u li ġew ikklassifikati fl-ogħla nofs fl-eżamijiet finali ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat.

4. Il-Bord jista', f'każijiet speċjali, jippermetti lill-applikanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati fl-ordinament 3 li jirreġistraw. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu evidenza ta' profiċjenza u rakkomandazzjoni minn membru akkademiku li huwa lest li jaġixxi bħala superviżur. Il-Bord jista' jirrikjedi rekwiżiti addizzjonali li jinkludu li jgħaddu minn eżami/jiet ta' kwalifikazzjoni.

5. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkludu t-titlu tad-dissertazzjoni proposta u proposta ta' riċerka dettaljata ta' madwar 1000 kelma.

Id-Dissertazzjoni

6. It-tul tad-dissertazzjoni m'għandux normalment ikun ta' aktar minn 50,000 kelma, kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra mill-Bord.

7. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tlett kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami li għandhom ikunu llegati adegwatament. Fi żmien xahar minn meta jgħaddu mill-eżami tad-dissertazzjoni, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji tad-dissertazzjoni, li waħda minnhom għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita' llegata kif ġej:

bid-drapp (preferibbilment iswed) b'kartonċin iebes u karti tat-tarf ta' kwalita' tajba; b'ittri (preferibbilment ta' kulur id-deheb) fuq quddiem u fuq l-ispina li juru:

(a) l-isem ta' l-istudent;
(b) it-titlu jew it-titlu mqassar tad-dissertazzjoni;
(c) il-grad li għaliha d-dissertazzjoni qed tiġi sottomessa; u
(d) is-sena li fiha qed tiġi sottomessa.

Mapep, dijagrammi, graffs, materjal mitbugħ eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan mhux possibbli dawn għandhom ikunu ppreżentati separatament f'*folders* jew f'volumi u nnumerati.

8. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm min-naħa tax-xellug u mill-anqas 20 mm minn fuq, isfel u n-naħa tal-lemin tal-karta.